MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 701/2004

**Emanuel Borg**

**vs**

**Intramed Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltin, (LM1,624.00,0), liema ammont jirrapprezenta prezz ghall-akkomodazzjoni ta' diversi nies li hija gabet fil-lukanda Luna Holiday Complex fil-perjodu bejn it-22 ta' Gunju tas-sena 2003 u t-3 ta' Awissu tas-sena 2003 u dan hekk kif jirrizulta wkoll mill-iskrittura privata datata 21 ta' gunju tas-**

**sena 2004 hawn annessa u mmarkata Dokument A, u li s'issa ma thallsitx;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mit-3 ta' Awissu tas-sena 2003 sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-22 ta' Frar tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------